MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 50

7 ta' Marzu 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 50 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn is-7 ta' Marzu 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 8.3. **(Ref: K/1/2/Vol IV)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara kif ġej:

*"8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li huwa, flimkien mal-Kunsillier J. Azzopardi u C. Bartolo ma attendewx il-laqgħa msemmija, billi fis-seduta Nru. 48 tal-1 ta' Frar 2011 huma astjenew mill-vot li ttieħed.".*

1.2. Saret referenza għall-minuti 9.4. u 9.5. **(Ref: T/5/1/Vol II; T/3/3/Vol IV)** tas-seduta preċedenti u kien hemm qbil li dawn għandhom jinqraw hekk:

*" 9.4. Il-Kunsillieri J. Azzopardi u C. Bartolo tennew li fi Triq Ġorġ Borg Olivier, mill-fergħa tal-Bank of Valletta 'l isfel m'għandux isir ipparkjar waqt li jkunu miftuħin il-ħwienet, kemm minħabba li t-triq hija dejqa, kif ukoll billi l-kategorija ta' negozji li jeżistu f'dik il-parti tat-triq ma tirrikjedix li wieħed bilfors imur bil-vetturi.";*

*"9.5. Is-Sindku wieġeb li sakemm il-karozzi tal-linja mhux ser jgħaddu għat-telgħa fi Triq Ġorġ Borg Olivier, l-ipparkjar għandu jibqa'. Is-Sur R. Cutajar qal li din it-triq tista' issir one-way għan-niżla minn Triq Sant' Elena 'l isfel. Dan ikun ifisser li t-traffiku intern ikollu tliet żbokki – wieħed minn Triq l-Erwieħ, ieħor minn Triq il-Marfa, u ieħor minn Triq Adenau. B'hekk mhux it-traffiku kollu ser jgħaddi mit-toroq ta' wara l-knisja. Intqal ukoll li ma' din il-proposta ser jiżdied it-traffiku ġej miċ-Ċirkewwa, mill-Għadira u mill-Armier li għandu jgħaddi kollu minn Dawret il-Mellieħa. Huwa tenna li traffiku fi Triq il-Marfa mid-direzzjoni tal-Għadira għandu jasal biss sal-kantuniera ta' Triq il-Wied ta' Ruman, bil-għan li anke jiffaċilita` l-ħruġ tar-residenti taż-żona. Dan l-arranġament ikun indikat fuq il-post permezz ta' tabella No Left Turn fi Triq il-Wied ta' Ruman kantuniera ma' Triq il-Marfa.";*

*"9.9. Il-Viċi Sindku ppropona li d-deċiżjoni li tittieħed għandha tidħol fis-seħħ fl-istess jum li fiħ tiġi ntrodotta s-sistema l-ġdida tat-trasport pubbliku. Qal ukoll li kwalunkwe arranġament li jidħol fis-seħħ għandu jkun għal żmien ta' prova ta' sitt xhur.".*

1.3. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.3. **(Ref: D/3/1/Vol V)** u talab li din tinbidel kif ġej:

> *"10.3. Is-Sindku aċċenna li l-prioritajiet tal-Kunsill huma magħrufa, fosthom it-twettieq tal-proġett dwar il-Park tal-Familja, fejn qed ikunu impenjati il-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet. Minkejja dan, ittieħdet nota bil-għan li jinstabu mezzi biex ix-xogħlijiet imsemmija jitwettqu.".*

1.4. Is-Sindku rrefera wkoll għall-minuta 10.3. **(Ref: P/5/8/G)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

> *"12.2. Is-Sindku għarraf li saret proposta sabiex jsir is-servizz imsemmi li jkun jgħaqqad in-naħa ta' fuq tal-irdum sax-xatt – distanza ta' 398 metru. L-iskop ta' din l-inizjattiva huwa li tingħata l-opportunita` lil viżitaturi jgawdu l-veduti sbieħ li joffri dan il-post, bi ħlas. Huwa qal li s'issa din għadha ideja li tista' tiġi żviluppata akar u ssir l-applikazzjoni mal-MEPA.".*

1.5. Il-Kunsill approva l-emendi mitluba u għalhekk il-minuti ġew iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Riforma fit-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ser issir laqgħa oħra mad-diriġenti tal-kumpanija Arriva plc fejn, fost suġġetti oħra, ser tiġi diskussa r-rotta ewlenija (*Main Line*) l-ġdida li qed jipproponi l-Kunsill għall-karozzi tal-linja li jkunu sejrin 'il barra mill-Mellieħa.

2.1.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 2.2.1. Ftehim - Tmexxija tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/2/Vol II)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi d-deċiżjoni li ttieħdet ġiet komunikata lill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina u issa jidher li m'hemm xejn xi jżomm l-iffirmar tal-ftehim.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li l-Mellieħa ġiet *shortlisted* bħala waħda mill-postijiet fejn jistgħu jseħħu l-attivitajiet marbuta maċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Ewropa bejn it-8 u d-9 ta' Mejju 2011.

2.3.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 2.4.1. Laqgħa mad-Direttur tad-Dipartment għall-Gvern Lokali (C/1/Vol XIV)

**2.4.2.** Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-21 ta' Frar 2011 saret il-laqgħa mas-Sur Carmel Abela, li flimkien miegħu kien hemm preżenti s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tas-Segretarjat. Is-Sur R. Cutajar qal li fl-istess laqgħa ngħatat ħarsa għal diversi inizjattivi u proġetti li qed iwettaq il-Kunsill. Fi tmien il-laqgħa s-Sur Abela ġie ppreżentat pubblikazzjonijiet li saru mill-Kunsill.

**2.4.3.** Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Attivitajiet ta' Jum il-Kunsill 2011 (A/5/3/1/Vol XII)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill marru tajjeb. Huwa qal ukoll li ftit wara li spiċċat l-attivita` tal-inawgurazzjoni ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat fis-27 ta' Frar 2011, il-President ta' Malta l-E.T. George Abela bgħatlu messaġġ biex jifraħ lill-Kunsill għall-attivitajiet li ġew organizzati, u esprima s-sodisfazzjon tiegħu li assista għall-parti l-kbira tagħhom.

2.5.3. Saret referenza għas-serata tal-24 ta' Frar li seħħet fil-lukanda Golden Sands. Is-Sindku stqarr li l-Onor. Dr Stefan Buontempo u s-sinjura tiegħu ħarġu mis-sala qabel spiċċat is-serata. Jidher li għamlu hekk peress li ma qabilx mas-*seating*, billi kien qed jirrappreżenta il-Kap tal-Opposizzjoni. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li huwa ma jifhimx dan l-atteġġjament meta l-Onor Buontempo ġie mitlub jibqa' fil-*foyer* tal-lukanda biex flimkien

mal-Kunsillieri jilqgħu l-President tal-Malta, filwaqt li ntalab ipoġġi fit-tieni filliera fejn kien ser ikun il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, kieku attenda. Huwa qal ukoll li wara l-istess ċerimonja huwa tkellem dwar l-inċident mal-Kunsillier J. Buttigieg.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 03/03/11
- Skeda ta' Pagamenti – 18/02/11 – 03/03/11
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 22/01/11 – 01/03/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Stqarrijiet Finanzjarji 2010
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2010

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Garanzija bankarja fuq tiġdid ta' permessi PA 2156/97 u PA 4516/04 (P/5/8/S)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat l-1 ta' Marzu 2011, mibgħut mill-Perit Mario Axisa, illi f'isem il-klijent tiegħu s-Sur John Tanti, talab li jiġi eżentat milli jagħmel garanzija bankarja li tkopri ħsarat fit-triq u l-bankini b'rabta mal-iżvilupp ta' qatgħa li tinsab f'Dawret it-Tunnara kantuniera ma' triq ġdida proġettata. Dan intalab peress li fil-preżent ma' jeżistux bankini, filwaqt li s-sid beħsiebu biss iġedded il-permessi li diġa għandu mingħajr ma jiżviluppa s-sit.

4.1.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-garanzija li tintalab mill-MEPA minbarra l-bankini tkopri wkoll għall-ħsarat li jsiru fil-wiċċ tat-triq. Minbarra din ir-raġuni, il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jinħoloq preċedent bl-eżenzjoni mitluba.

### 4.2.1. Riproduzzjoni ta' mappa informattiva (T/3/1)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 2 ta' Marzu 2011, mibgħut mis-Sur Antoine Mifsud ta' Dainty Boutique fejn talab permess lill-Kunsill sabiex jirriproduċi mappa informattiva simili għal dawk li tqiegħdu fit-toroq mill-Kunsill. Dan sabiex jiġu stampati fuq materjal ta' riklamar li ser ikun jinkludi tagħrif dwar postijiet ta' interess fit-Mellieħa.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li aktar dettalji għandhom jintalbu mingħand is-Sur A. Mifsud waqt laqgħa li kien ser ikollu mas-Sindku.

### 4.3.1. Riżenja minn uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol VIII)

4.3.2. Saret referenza għall-ittra datata 3 ta' Marzu 2011, mibgħuta mis-Sinjorina Amanda Grima, fejn tat ir-riżenja tagħha mill-kariga msemmija, peress li ġiet offruta mpjieġ ieħor mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jibda l-proċess biex tiġi mpjegata persuna oħra.

### 4.4.1. Nominazzjonijiet għan-"*Nazzareno Vassallo Award for Initiatives in Elder Care*" (N/1/Vol II)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 3 ta' Frar 2011, mibgħuta minn CareMalta Group Ltd fejn il-Kunsill ġie mistieden jagħmel nominazzjonijiet għall-premju msemmi hawn fuq. Is-Sur R. Cutajar qal illi minħabba li d-data tal-għeluq kienet l-4 ta' Marzu 2011, huwa għarraf lil kunsillieri kollha bil-proposta tiegħu li l-ħaddiema kollha li jaħdmu f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, inklużi dawk taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u n-*Night Shelter*, jiġu nominati għal dan il-premju, minħabba d-dedikazzjoni u l-inpenn li wrew minn meta nfetħet id-dar fl-2008.

4.4.3. Il-Kunsill ikkonferma l-approvazzjoni tiegħu għall-proposta tas-Sindku.

### 4.5.1. Tindif volontarju ġewwa l-Aħrax (T/6/1/Vol III)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Frar 2011, mibgħuta mill-istudenti fil-fakolta` tax-Xjenza fl-Universita` ta' Malta li appellaw għall-għajnuna mill-Kunsill sabiex jagħmlu sessjoni ta' tindif fl-imsaġar tal-Aħrax nhar il-Ħadd 20 ta' Marzu 2011. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jgħin billi jipprovdi l-i*skip/s* meħtieġa.

4.5.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 4.6.1. Rendikont ta' spejjeż li saru fin-*Night Shelter* u ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani (A/1/2/Vol IV)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal minuta 11.1. tas-seduta preċedenti, fejn intalab rendikont tal-ispejjeż li saru mill-Kunsill s'issa fuq iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u n-*Night Shelter*. Huwa spjega li dawn kienu kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| **Ċentru ta' Matul il-Jum** | € |
|---|---|
| Apparat tal-*Keep Fit* | 1,050.02 |
| Mirja għall-Kamra tal-*Keep Fit* | 944.00 |
| *CD Player* għal Kamra tal-*Keep Fit* | 58.50 |
| Ospitalita` | 10.90 |
| Servizz Reliġjuż | 15.00 |
| Avviż tas-Sejħa għall-Istimi tat-Tindif tat-Twieqi | 9.32 |
| Kiri tal-Apparat tal-Audio ghall-Open Day | 295.00 |
| Pjanti ta' Ġewwa | 48.00 |
| Materjal użat għat-tindif | 59.90 |
| Qsari | 15.00 |
| | 2,505.64 |

| **Night Shelter** | |
|---|---|
| Kurċifissi għall-Kmamar | 48.00 |
| Għamara għall-Kċina u *appliances* | 1,100.00 |
| *Toaster, Electric Kettle, Microwave Oven* | 202.98 |
| Pittura li tpoggiet fil-parti komuni | 375.00 |
| | 1,725.98 |

4.6.3. Is-Sur R. Cutajar kompla jispjega li huwa ppjanat li jinxtara sufan li jiswa madwar €650 biex jitqiegħed fil-partijiet komuni tan-*Night Shelter* li ser ikunu responsabilita` tal-Kunsill f'dak li huma attrezzi.

4.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Kontroll tat-traffiku waqt attivitajiet fil-Mellieħa (M/3/Vol III) (A/6/3/1/Vol 56)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal talba li saret mis-Sur Rennie Vella, il-*producer* tal-programm "Sibtijiet Flimkien" li jixxandar fuq One TV. Huwa qal li jixtieq iwaqqaf gazebo sabiex jiffilmja *slot* għal programm imsemmi f'Misraħ il-Parroċċa nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu 2011. Sar appell sabiex il-Kunsill jgħin fil-kontroll tat-traffiku billi tingħalaq parti mill-pjazza.

4.7.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li dakinhar stess issir il-wirja ta' vetturi kollettibbli, liema wirja kellha ssir waqt iż-żjara li saret mill-President ta' Malta Dr George Abela fis-27 ta' Frar 2011.

4.7.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsir avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern biex il-pubbliku jkun infurmat.

### 4.8.1. Nota ta' Ringrazzjament (M/6/Vol V)

4.8.2. Is-Sur R. Cutajar rrefera għall-minuta 7.3. tas-seduta preċedenti fejn għaddiet riżoluzzjoni dwar l-għoti tal-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" lir-Rev. Kappillan Dun Karm Mercieca. Huwa ppropona li għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament bħala rikonoxximent għal ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa.

4.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 4.9.1. Kjosk fi Ġnien il-Qigħan (A/6/7/Vol II)

4.9.2. Saret referenza għal ittra datata 7 ta' Marzu 2011, mibgħuta mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina. Fiha ntqal li l-għaqda hija nteressata li tiddiskuti mal-Kunsill il-possibilta` li topera kjosk fi Ġnien il-Qigħan.

4.9.3. Il-Kunsillieri J. Azzopardi u J. Buttigieg ikkummentaw li r-rijallokazzjoni ta' proprjeta` devoluta għal skopijiet kummerċjali teħtieġ il-permess mit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern u probabbilment teħtieġ issir sejħa għall-offerti.

4.9.4. Is-Sindku qal li l-ftuħ tal-kjosk f'postijiet simili hija opportunita` biex jitnaqqas il-vandaliżmu u għalhekk wieħed għandu jinkoraġġixxi dawn l-iniżjattivi f'postijiet oħra li ġew devoluti lill-Kunsill. Aċċenna wkoll għall-fatt illi x-Xelters tat-Tieni Gwerra u l-Batterija ta' Westreme huma inizjattivi fejn ukoll jiġi ġġenerat dħul u għalhekk il-Kunsill għandu jimxi fuq l-istess linji.

4.9.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi kkonsultat il-kuntratt tad-devoluzzjoni qabel issir talba formali lit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern.

### 4.10.1. Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

4.10.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Marzu 2011 mibgħuta mill-MEPA dwar applikazzjoni PA 4385/10 li kienet tinvolvi t-tiġdid tal-permezz PA 3962/05 li jkopri t-twaqqiegħ tal-banka tal-lottu u tisbiħ tal-misraħ skond il-permess PA 2671/03. Fl-ittra intqal li l-Environment and Planning Commission approvat it-talba.

4.10.3. Is-Sindku qal li t-twaqqiegħ tal-banka tal-lottu, li attwalment hija wżata bħala uffiċċju informazzjoni għat-turisti, ikun possibbli kemm-il darba l-Kurja tgħaddi l-bini li għandha fil-misraħ lil Gvern. B'hekk l-uffiċċju jkun jista' jiġi trasferit għal waħda minn dawn il-kmamar.

4.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 3 ta' Marzu 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-18 ta' Frar u t-3 ta' Marzu 2011. Tressqet ukoll skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-22 ta' Jannar u l-1 ta' Marzu 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għalhekk ġew iffirmati.

### 7.1. Preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2010 (F/1/2/Vol VIII)

7.2. Għall-preżentazzjoni tal-*Financial Statements,* li tqassmu qabel is-seduta, attendew l-*Accountants* is-Sinjuri Christian Vella u Alexia Fenech. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-figuri relatati mas-sena finanzjarja 2010 qed jiġu mqabbla ma' dawk tas-sena preċedenti li kienet tkopri biss għall-perjodu April/Diċembru 2009. Qal li sa Diċembru 2010 kien hemm likwidita` biżżejjed biex tlaħħaq mal-kredituri tant li ġie reġistrat *surplus* għas-sena ta' €251,767. L-ammonti dovuti lill-kredituri kienu jammontaw €358,305, li €206,769 kienu *Payables* u €151,366 kienu *Accruals and Deferred Income*. Ġie spjegat li dawn huma ammonti dovuti fuq xogħlijiet u servizzi li ngħataw bejn Jannar u Diċembru 2010, li l-kontijiet tagħhom kienu għadhom ma daħlux fil-kotba. Dan kontra l-bilanċ ta' €1,305,015, miżmuma fil-banek.

7.3. Huwa qal li d-dħul totali tal-Kunsill fis-sena koperta bir-rapport kien jammonta €1,150,980 li €1,035,311 ġie mingħand il-Gvern Ċentrali, €13,328 mill-*bye-laws* u €102,341 kien dħul ta' natura ġenerali. Matul din is-sena dan l-ammont kien sostanzjalment iktar minn tas-snin preċedenti peress li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma intrabtet li tħallas għat-tiswija tat-trinek fit-toroq li saru fis-snin 2007, 2008, 2009 u sa Lulju 2010. Is-somma dovuta tammonta għal €73,420. Il-Kunsill ibbenefika minn għotjiet marbuta ma' skemi jew premjijiet introdotti mill-Gvern li kienu jammontaw għal €49,878, bħalma huma Fondi għall-Bżonnijiet Speċjali, l-Iskema Lokalitajiet Indaf; l-Iskema Lokalitajiet Sostenibbli; l-*Energy Saving Scheme*; u l-Iskema Inizjattivi ta' Attivitajiet.

7.4. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għad-dħul li kien hemm permezz tal-*bye-laws*, partikularment f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni tal-korsijiet. Huwa ppropona li ċ-ċifra ta' €9,521 għandha tiġi ndikata bħala rkupru ta' parti mill-ispejjeż li saru fuqhom, sabiex wieħed ma jingħatax l-impressjoni li qed isir profitt minnhom. Ittieħdet nota biex l-istqarrijiet finanzjarji jiġu emendati f'dan is-sens.

7.5. Is-Sur C. Vella qal li s-sorsi tad-dħul baqgħu l-istess bħal tas-sena preċedenti, għalkemm kien hemm tnaqqis sostanzjali fir-rigward ta' *sponsorship* marbut mal-attivitajiet kulturali, kif ukoll mis-Sistema tal-Infurzar Lokali.

7.6. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li t-telf reali li kien hemm mis-Sistema tal-Infurzar Lokali mhuwiex rifless fl-istqarrijiet għaliex fil-parti l-kbira tiegħu ġie assorbit mill-Kumitat Konġunt Tramuntana.

7.7. In-nefqa fuq is-Salarji kienet ikkaratterizzata bl-introduzzjoni tal-*Allowance* tal-Kunsillieri li in parti kienet dovuta lis-Sindku. Sar aċċenn ukoll għaż-żieda li kien hemm fl-Onorarja tas-Sindku, li hija marbuta mas-salarju ta' Membru Parlamentari. Is-Sur C. Vella għarraf ukoll li aktar 'il quddiema mistennija li jingħataw struzzjonijiet biex isir aġġustament tal-ammonti li diġa ġew imħallsa fid-dawl tad-deċiżjoni li għad trid tittieħed fir-rigward tad-Membri Parlamenti.

7.8. Sar aċċenn ukoll li kien hemm żieda qawwija fl-ispejjeż tal-konsum tal-elettriku fil-postijiet li jaqgħu fir-responsabilita` tal-Kunsill, bħalma huma l-uffiċċju amministrattivi u l-ġonna pubbliċi. Is-Sur C. Vella kkummenta li dan mhux neċessarjament ifisser li kien hemm żieda fil-konsum, għaliex jista' jkun riżultat fl-awment li kien hemm fir-rati. Inġibdet l-attenzjoni li kien hemm nefqa sostanzjali fuq żewġ proġetti tal-Unjoni Ewropea li fil-parti l-kbira tagħhom mistennija li jiġu rkuprati.

7.9. F'dik li n-nefqa kapitali għas-sena 2010 kienet tammonta għal €282,651, li €271,981 minnha kienet għadha mhux kapitalizzata peress li tinvolvi proġetti li għandhom fi stat ta' kostruzzjoni, bħalma huwa l-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ u Ġnien Ħidmet il-Volontarjat, fost oħrajn.

7.10. Is-Sindku rrefera għas-sezzjoni tal-*Capital Commitments* Nru. 17 tal-Istqarrijiet Finanzjarji u osserva li xi proġetti tħallew barra, bħal tal-*Floodlighting* fi Triq l-Inkurunazzjoni u Triq l-Erwieħ. Is-Sur C. Vella wieġeb li l-*Capital Commitments* ittieħdu mill-estimi għas-sena 2011 li approva l-Kunsill. Huwa qal li l-proġett imsemmi ġie inkluż taħt '*Urban Improvements*", iżda ma jkun hemm l-ebda problema biex jiġi ndikat speċifikament b'ismu.

7.9. Wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw, is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

*"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2010, ġie spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill; u*

*Billi ma kienx hemm punti li baqa` lok ta` aktar diskussjoni dwarhom wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament ta` l-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010;*

*Il-Kunsill japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jgħadduħ lill-Awditur Ġenerali skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*

7.10. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Konferenza EDEN (T/12/2)

8.2. Is-Sindku għarraf li l-konferenza ser tkun imqassmu fuq tliet ijiem mill-5 sas-7 ta' April 2011, meta l-Kunsill ser ikun involut fil-loġistika bi programm imqassam kif ġej:

| | |
|---|---|
| It-Tlieta – 5 ta' April | Attivita` soċjali taħt it-tinda fil-Bitħa tas-Santwarju bil-parteċipazzjoni tal-Big Band Brothers, flimkien ma' wirjiet ta' vetturi kollettibbli u numru ta' artisti Melleħin fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II |
| **L-Erbgħa – 6 ta' April** | Filgħodu tibda l-konferenza taħt it-tinda fil-Bitħa tas-Santwarju fejn il-Kunsill ser ikun responsabbli mill-*coffee breaks* u ikla ta' nofsinhar fil-Martim Hotel Antonin & Spa bl-involviment ta' diversi *chefs* Melleħin minn diversi stabbilimenti. Kmieni wara nofsinhar ikun hemm żjara mid-delegati u diskussjoni fil-Park tal-Majjistral. Tard wara nofsinhar, id-delegati jżuru Għawdex b'waqfiet fin-Nadur, u ċ-Ċittadella f'Victoria u ikla ta' filgħaxija f'Kercem. Iż-żjara f'Għawdex ser jieħu ħsiebha s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali |
| Il-Ħamis – 7 ta' April | Tkompli l-konferenza. Id-delegati jittieħdu fuq żjara fl-Imdina u fil-Cottonera. Billi l-Kunsilli Lokali ta' Senglea mhux f' posizzjoni li jikkontribwixxi, l-ispiża nvoluta jista' jkopriha l-Kunsill tal-Mellieħa, permezz tal-allokazzjoni mwiegħda mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu. |

8.3. Is-Sindku kompla jispjega li l-għażla u l-arranġamenti dwar l-alloġġjar u l-ivjaġġar bl-ajru saru direttament mill-Kummissjoni Ewropea. Id-delegati ser ikunu alloġġjati fil-lukanda Seabank fl-Għadira.

8.4. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li r-ristoranti tal-Mellieħa bl-ebda mod m'huma ser ikunu nvoluti, partikularment fl-ikliet. Is-Sindku wieġeb li mhux prattiku li d-delegati jinqasmu f'diversi gruppi u għalhekk jagħmel aktar sens li kemm jista' jkun jitħallew flimkien, speċjalment meta jkunu fi grupp kbir.

8.5. F'dak li huwa materjal stampat li ser jiġi mqassam lid-delegati, ser ikun hemm il-ktieb "*Quest for Identity – The Mellieħa Experience*", direttorju ta' postijiet ta' interess u servizzi li wieħed isib fil-lokalita`. Kull delegat ser jiġi ppreżentat rigal (*pillow gift*) li jkun jikkonsisti f'ikel tradizzjonali Malti. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-Maltapost plc ser toħroġ bolla kommemorattiva li kull delegat jiġi ppreżentat waħda. L-artwork qed isir mill-Kunsill, filwaqt li l-istampar ser mill-istamperija tal-Gvern. Dawn ser jinxtraw 350 minnhom mingħand il-Maltapost plc bi prezz mnaqqas €2.50 kull waħda.

8.6. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li b'kordinazzjoni mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu ser ikun hawn madwar sitt ġurnalisti biex jirrappurtaw dwar l-andament tal-konferenza.

8.7. Is-Sindku qal ukoll li ser ikunu meħtieġa numru ta' *ushers* li s-servizzi tagħhom jeħtieġ jingħataw bi ħlas. Huwa ssuġġerixxa li dawn jitħallsu permezz ta' *vouchers* bl-istess mod kif isir fil-każ tal-*helpers* involuti f'Avventura Sajf.

8.8. Fi tmiem id-diskussjoni, is-Sindku stieden lill-Kunsillieri sabiex jattendu għall-attivitajiet kollha b'rabta tal-konferenza nkluż l-attivitajiet soċjali.

8.9. Il-Kunsill qabel mal-arranġamenti deskritt aktar 'il fuq.

## 9.1. Progress fuq il-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

9.2. Is-Sindku għarraf illi fil-kuntatti li huwa kellu mat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, inġibdet l-attenzjoni li l-art involuta kemm tal-ewwel fażi, kif ukoll tat-tieni fażi fil-proġett imsemmi kellha titolu ta' qbiela ma' diversi persuni, li ntemm fuq talba tal-Kunsill sabiex ikun jista'

jitwettaq l-istess proġett. Is-Sur R. Cutajar qal li min-naħa tiegħu, il-Kunsill jeħtieġ li jagħmel talba formali bil-għan li din il-proprjeta` tiġi devoluta lil Kunsill.

9.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

9.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-periti M.P. & D.C. Ltd stmaw il-bini f'dak li jirrigwarda l-fattura tad-*dressing rooms* u l-faċilitajiet anċillari għal aktar minn €434,000. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li din il-figura tmur ferm lill'hinn mill-estimi finanzjarji għall-2011. Dan meta jittieħed in konsiderazzjoni l-ispiża tal-materjal meħtieġ, kif ukoll l-installazzjoni tas-sistema tad-dwal m'hijiex inkluża.

9.5. Is-Sindku kkummenta li l-istess stima ġiet mgħoddija lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, bil-għan li tinkiseb xi forma ta' għajnuna ħalli jkun jista' jitkompla l-proġett. Il-Ministeru għamel evalwazzjoni permezz tal-periti u l-*quantity surveyors* tiegħu u rriżulta li l-ispiża fuq il-fattura niżlet għal €90,000, li tinkludi wkoll somma ta' kontinġenza li tammonta għal €10,000. Fid-dawl ta' din id-diskrepanza, twaqqaf il-proċess tas-sejħa għall-offerti. Il-Ministeru, min-naħa tiegħu approva li jidħol għall-fattura sakemm il-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-materjal. Għaldaqstant, inbeda l-proċess sabiex issir sejħa għall-offerti min-naħa tal-Ministeru.

9.6. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li għaddejjin kuntatti sabiex ħames ħaddiema mill-***Parks*** *and Landscape Conservation Section* fi ħdan id-Diviżjoni tax-Xogħlijiet jiġu assenjati fuq il-bini tas-sejjieħ b'rabta mal-proġett.

9.7. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 10.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

10.2. Is-Sindku qal li xi residenti ta' Triq is-Santwarju u Ġnien Ingraw huma nkwetati b'allegazzjonijiet li qed isiru mill-Kunsillier C. Bartolo fis-sens li t-traffiku kollu li attwalment joħroġ fi Triq Ġorġ Borg Olivier ser jiġi mdawwar minn wara l-Knisja. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li b'dan il-mod tkun qed tingħata stampa żbaljata, peress li għad mhemmx deċiżjoni. Wieħed kien jistenna li r-residenti jiġu nfurmati li s-suġġeriment tas-Sindku kien li, l-vetturi kollha li jitilgħu mill-Għadira u ċ-Ċirkewwa, jgħaddu kollha mill-*bypass* apparti li kien ser jitressaq suġġeriment ieħor biex ikompli jitnaqqas it-traffiku miż-żona ta' wara l-knisja.

10.3. Il-Kunsillier C. Bartolo wieġeb li huwa għandu kull dritt li jesprimi l-opinjoni tiegħu mar-residenti, billi huwa ma jaħsibx li s-soluzzjoni għall-konġestjoni fit-toroq ewlenin hija li traffiku kollu ta' Triq Ġorġ Borg Olivier jgħaddi minn wara l-knisja. Stqarr ukoll li kien hemm minn ipproponi li din l-materja għandha titqajjem fil-media, iżda huwa kien kontra li jsir hekk, biex ma tinħoloqx sensazzjoni.

10.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo tenna li l-proposta dwar l-infurzar tal-*limited time parking* u t-*tow zones* mhijiex sostenibbli, kemm minħabba l-ispejjeż li tinvolvi, kif ukoll bl-akkużi nġusti li jsiru lill-Kunsill minn diversi operaturi dwar inkonsistenza fis-superviżjoni tagħhom.

10.5. Is-Sindku reġa ntervjena billi qal li d-deċiżjonijiet jridu jittieħdu fl-interess komuni, minkejja li ma jkunux daqshekk popolari.

10.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għadha titħalla għas-seduta li jmiss bil-għan li l-kunsillieri jkollhom żmien biżżejjed biex jevalwaw il-proposti mressqa fis-seduti preċedenti.

## 11.1. Devoluzzjoni tal-Forti Campbell (A/6/7/Vol II)(P/10/3/Vol II)

11.2. Is-Sindku għarraf li l-proprjeta` imsemmija qed tintuża bil-permess tat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern sabiex jiġi pprattikat l-isparar ta' pistoli minn għaqda sportiva. Huwa qal li dan, flimkien mal-abbużi li qed jiġru m'humiex aċċettabbli u għalhekk għandha ssir talba sabiex il-fortizza tiġi devoluta lill-Kunsill, bil-għan li tkun tista' tiġi nkorporata fil-*heritage trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ.

11.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 12.1. Laqgħa mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` (P/8/2/Vol III)(P/4/15/3/Vol III)

12.2. Is-Sindku għarraf li fit-28 ta' Frar 2011 saret laqgħa maċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` - is-Sur Joe Camilleri. Fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-possibilta` li l-latrina pubblika ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Gwanni Pawlu II tkun aċċessibbli wkoll għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Ġie spjegat illi minħabba li din il-latrina tinsab taħt il-livell tal-Misraħ, filwaqt li aċċessi kollha għaliha huma permezz ta' turġien, mhux possibbli li jsiru alternazzjonijiet fiha biex tinġieb aċċessibbli. Għaldaqstant saret proposta sabiex issir talba lill-Kappillan ħalli tkun tista' tintuża dik li hemm fil-Bitħa tas-Santwarju.

12.3. Ġiet diskussa wkoll il-possibilita` li ssir *board walk* oħra tal-injam mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu fuq ir-ramla tal-Għadira, filwaqt li għandhom jitneħħew ir-*reserved parking areas* matul il-*promenade* fejn mhemmx fil-qrib rampi li jagħtu għar-ramla.

12.4. Is-Sur R. Cutajar qal li saret diskussjoni dwar il-possibbilta` li l-Gvern Ċentrali jintroduċi skemi bil-għan li persuni b'diżabilita` jaħdmu mal-Kunsilli Lokali. Dan isir minflok l-Iskema eżistenti dwar it-titjib tal-aċċessibilita` f'postijiet pubbliċi mħabbra permezz ta' Memo 7/2010.

12.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta fil-minuta 12.2 aktar 'il fuq, filwaqt li nnota l-kumplament tal-proposti diskussi.

## 13.1. Installazzjoni ta' *cameras* qrib il-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

13.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li huwa kellu kuntatti mas-Sur Martin Azzopardi – *manager* mal-aġenzija The Guard & Warden Service House Ltd dwar il-possibilta` li jiġu nstallati cameras viċin il-*bring-in sites*. Mill-istess laqgħa sar magħruf, li l-liġi tipprovdi li sabiex aġenzija tkun f'posizzjoni li toħroġ avviżi ta' kontravvenzjonijiet permezz ta' sorveljanza bil-*cameras*, din jeħtieġ li tkun liċenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-każ ta' *cameras* li ma jitħaddmux b'dan il-mod, is-sidien tagħhom jistgħu jgħaddu x-xieħda li tinġabar lill-Pulizija, li min-naħa tagħha tkun f'posizzjoni li tħarrek a bażi tal-istess evidenza. Sar magħruf ukoll li *cameras* ta' din ix-xorta jitħaddmu mill-Kunsilli Lokali ta' Paola, Ħal Kirkop u B'Kara.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 (N/1/Vol II)

14.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li fl-4 ta' Marzu 2011 attenda laqgħa informattiva dwar il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 fil-Kamra tal-Kummerċ il-belt Valletta. Huwa qal li l-kelliema kienu s-Segretarju Parlamentari responsibbli mill-Kultura l-Onor. Mario De Marco, is-Sinjorini Jacqueline Pacaud mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea u Mary McCarthy mill-Kunsill Lokali ta' Cork fl-Irlanda.

14.3. Is-Sur Buttigieg spjega li normalment l-attivitajiet ikunu jinvolvu belt kapitali waħda, imma minħabba d-daqs tagħhom, Malta u Għawdex qed jiġu kkunsidrati bl-istess mod. Fil-laqgħa ħareġ biċ-ċar li l-attivitajiet għandhom ikunu mmirati li jħallu effett permanenti fuq il-ħajja kulturali fil-pajjiż.

14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2010 (F/1/1/Vol II)

15.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

15.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ir-rendikont imressaq mis-Segretarju, Kunsill qabel li dan għandu jiġi mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 16.1. Ipparkjar fi Triq Dun Franġisk Sciberras (T/3/2/Vol IX)

16.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li r-residenti tat-triq imsemmija qed jaffaċċjaw diffikutajiet kbar biex isibu jipparkjaw il-vetturi tagħhom minn Triq Sammy Bartolo 'l isfel. Dan minħabba li hemm lukandi u stabbilimenti oħra kummerċjali fil-qrib. Huwa għalhekk appella sabiex tiġi ntrodotta sistema ta' ipparkjar għar-residenti.

16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-sistema ta' ipparkjar għar-residenti tipprovdi illi r-residenti kollha tal-Mellieħa jkunu jisgħu jipparkjaw u għalhekk il-problema tibqa'.

## 17.1. Restawr tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

**17.2.** Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li diġa saru xi xogħlijiet urġenti fuq it-Torri l-Abjad mill-Historical and Military Society u qal li iktar minn hekk ma jistax isir mingħajr l-involviment tal-MEPA. Huwa għalhekk ippropona li ssir laqgħa mal-MEPA sabiex jiġi stabbit x'permessi huwa meħtieġa sabiex jiġi restawrat it-torri.

**17.3.** Is-Sur R. Cutajar qabel ma' din il-proposta u qal li jitlob li jingħata appuntament mill-aktar fis.

## 18.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-bini fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)

18.2. Is-Sindku rrefera għal applikazzjoni PC 0046/09 sabiex jinbidel l-għoli tal-bini fil-blokka ġdida li żdiedet mal-iskema tal-bini fiż-żona ta' l-Ibraġ, wara li tneħħew numru ta' qtajja' mill-iskema fiż-żona ta' Sellum. Is-Sindku għarraf li r-rapport li tħejja lill-MEPA f'isem ir-residenti mill-ambjentalist Dr Alan Deidun, jirriżulta li fejn hija proposta l-blokka l-ġdida, jeżistu fdalijiet ta' barriera ta' żmien ir-Rumani, kif ukoll pjanti endemiċi, liema sejbiet ser mressqa lill-MEPA bil-għan li tbiddel l-intenzjoni tagħha msemmija aktar 'il fuq.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 19.1. PC 0068/08 - Bdil f'iskema fi Triq il-Marlozz (P/5/8/M)

19.2. Is-Sindku aċċenna għat-*terraced landscaped garden* li sar bejn blokka appartamenti li tinsab bejn Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq il-Marfa. Huwa qal li dan qed isir bi spejjeż tas-sid tal-istess blokka, iżda min-naħa l-oħra qed jagħmel pressjoni fuq Transport Malta sabiex isiru t-toroq ta' mad-dawra li huma l-parti ta' fuq ta' Triq il-Marlozz, parti minn Triq il-Barkazza, u n-naħa t'isfel ta' Triq il-Wied Ta' Ruman.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 20.1. Asfaltar ta' Triq it-Tunnaġġ (T/4/7/Vol III)

20.2. Is-Sindku għarraf li s-sidien ta' Tas-Sellum Residence – Tumas Group – wrew l-intenzjoni li jasfaltaw Triq it-Tunnaġġ illi tiġi wieħed mill-aċċessi għall-kumpless imsemmi.

20.3. Il-Kunsill innota li Triq it-Tunnaġġ mhux waħda mit-toroq li qiegħda fil-programm ta' toroq li għandhom jiġu asfaltati fil-futur qarib, u għalhekk laqa' din il-proposta.

## 21.1. Arranġamenti tat-Traffiku fid-daħla għaż-żona ta' Mellieħa Heights (T/3/2/Vol X)

21.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fil-kontinwazzjoni tas-seduta Nru. 39 tal-5 ta' Lulju 2010 dwar l-introduzzjoni ta' arranġamenti ġodda fil-*junction* ta' Triq l-Etna, Triq l-Għoljiet, Triq in-Naħal, Triq l-Għoljiet u Triq il-Kbira. Huwa staqsa dwar jekk Transport Malta approvatx l-arranġament proposti mill-Kunsill.

21.3. Is-Segretarju wieġeb li ser jergħa jsir kuntatt mill-ġdid mat-Taqsima għall-Immaniġġjar tal-Traffiku fi ħdan Transport Malta.

## 22.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)

22.2. Is-Sindku ppropona li l-ħarġa li jmiss tkun lejn il-Belt Valletta bi żjarat fil-Berġa ta' Kastilja u l-Palazz tal-President tar-Repubblika. Ikun hemm ukoll waqfiet għal kafe` f'xi stabbiliment fil-Belt stess.

22.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu 2011, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**